**141. Il-Prim Ministru ppropona din il-Mozzjoni:-**

Billi l-Kummissjoni Elettorali fit-2 ta' Mejju 2000 għarrfet lill-Prim Ministru li għamlet tibdil fil-konfini elettorali u kopja ta' l-istess rapport tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra fit-8 ta' Mejju 2000, u

Billi l-artikolu 61 (3) (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li "mhux aktar tard minn ħames xhur wara li l-Prim Ministru jirċievi dak it-tagħrif, il-Kamra tista' b'riżoluzzjoni jew tapprova t-tibdil jew tibagħtu lura lill-Kummissjoni biex terġa' tikkonsidrah mill-ġdid,

Din il-Kamra qiegħda b'din ir-riżoluzzjoni tapprova t-tibdil fil-konfini tad-distretti elettorali kif magħmula fl-istess rapport.

30.05.2000